II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/379

tad-19 ta' Diċembru 2018

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew "l-FSE" u li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u tas-somom f'daqqa disponibbli għar-rimborż lill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għar-rimborż lill-Istati Membri jiġu stabbiliti abbażi tad-data mressqa mill-Istati Membri jew ippubblikata mill-Eurostat u abbażi tal-metodi miftiehma b'mod komuni, fosthom il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 67(5) u fl-Artikolu 68b(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(2) Jekk wieħed iqis id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livell tal-ispejjeż għal tip ta' operazzjoni partikolari, id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u tas-somom f'daqqa jaf ivarjaw skont it-tip ta' operazzjoni u skont l-Istat Membru kkonċernat biex jirriflettu l-ispeċifiċitajiet tagħhom.

(3) Il-Bulgarija ppreżentat il-metodi għad-definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż tal-unità għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni.

(4) Franza, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Awstrija, ir-Rumanija, Ċipru u l-Kroazja ssottomettew metodi jew għall-emenda tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità eżistenti, jew biex jiġu ddefiniti skali standard tal-ispejjeż għal kull unità addizzjonali għar-rimborż mill-Kummissjoni fir-rigward tat-tipi ta' operazzjonijiet li għadhom ma ġewx koperti mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 ([3]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 tad-9 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 22).

(5) Għall-SSUCs fir-rigward tal-operazzjonijiet li jappoġġaw l-edukazzjoni u li huma applikabbli għall-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka, l-ammonti għall-Greċja għandhom jiżdiedu u l-kundizzjonijiet għar-rimborż għall-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għandhom jiġu ċċarati u mnaqqsa biex jirriflettu sitwazzjonijiet speċifiċi.

(6) Jekk wieħed iqis l-għan tal-espansjoni tal-possibilitajiet għall-Istati Membri li jitolbu rimborż mill-Kummissjoni abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa, il-Kummissjoni ddefiniet l-ispejjeż għal kull unità u l-ammonti għal kull Stat Membru abbażi tad-data ppubblikata mill-Eurostat u kif irrappurtata mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi nazzjonali għall-operazzjonijiet fil-qasam tat-taħriġ.

(7) Għalhekk ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness X tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Anness XIV tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

(7) L-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

(8) L-Anness XVI tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 huwa sostitwit bit-test fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

(9) It-test fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness XX tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

"ANNESS II

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità lil Franza

1. **Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)
1. 'Garantie Jeunes' appoġġata taħt l-assi prijoritarju 1 'Accompagner les jeunes NEET vers et dans l'emploi' tal-Programm Operazzjonali 'PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER' (CCI-2014FR05M9OP001)	Iż-żgħażagħ NEET ([1]) li jkunu kisbu riżultat pożittiv fil-qafas tal-'Garantie jeunes' sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tal-ikkowċjar	— allokazzjonijiet imħallsa lill-parteċipant; — spejjeż ta' attivazzjoni mġarrba mill-'missions locales'	L-għadd ta' żgħażagħ NEET li jkunu kisbu wieħed mir-riżultati li ġejjin sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tal-ikkowċjar: — li jkunu bdew taħriġ f'ħiliet vokazzjonali li jwassal għal ċertifikazzjoni, billi: — jibdew taħriġ fit-tagħlim tul il-ħajja; jew — jibdew taħriġ bażiku; jew — ikunu waqqfu kumpanija; jew — ikunu sabu impjieg; jew — ikunu għamlu mill-inqas 80 jum ta' xogħol (imħallas jew le) f'ambjent professjonali	6 400

<table>
<tr><th>Tip ta' operazzjonijiet</th><th>Isem l-indikatur</th><th>Kategorija tal-ispejjeż</th><th>Unità tal-kejl għall-indikatur</th><th colspan="3">Ammonti (f'EUR)</th></tr>
<tr><td rowspan="20">2. Taħriġ għal dawk qiegħda mogħti minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ akkreditati u appoġġati mill-Programm Operazzjonali Ile-de-France (CCI 2014FR05M0OP001)</td><td rowspan="20">Il-parteċipanti b'eżitu ta' suċċess wara kors ta' taħriġ.</td><td rowspan="20">Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni.</td><td rowspan="20">L-għadd ta' parteċipanti b'wieħed mill-eżiti li ġejjin wara kors ta' taħriġ:
— irċevew diploma jew konferma ta' kompetenzi miksuba fi tmiem il-kors ta' taħriġ tagħhom;
— sabu impjieg b'durata ta' mill-inqas xahar;
— inkitbu għal kors ta' taħriġ professjonali ulterjuri;
— inkitbu mill-ġdid fil-kurrikulu tal-iskola preċedenti tagħhom wara interruzzjoni; jew
— kisbu aċċess għal proċess ta' validazzjoni formali tal-kompetenzi miksuba tagħhom.
Jekk parteċipant jikseb aktar minn eżitu ta' suċċess wieħed wara l-kors ta' taħriġ tiegħu, dan iwassal biss għar-rimborż ta' ammont wieħed għal dak it-taħriġ.</td><td>Kategorija</td><td>Settur</td><td>Ammont</td></tr>
<tr><td rowspan="2">1</td><td>Kura tas-saħħa</td><td rowspan="2">3 931</td></tr>
<tr><td>Sikurezza tal-oġġetti u n-nies</td></tr>
<tr><td rowspan="7">2</td><td>Attivitajiet kulturali, sportivi u ta' żmien liberu</td><td rowspan="7">4 556</td></tr>
<tr><td>Servizzi għan-nies</td></tr>
<tr><td>Trattament ta' materjali rotob</td></tr>
<tr><td>Ikel agrikolu, tisjir</td></tr>
<tr><td>Kummerċ u bejgħ</td></tr>
<tr><td>Ospitalità, industrija tal-lukandi, catering</td></tr>
<tr><td>Saħħa u sikurezza fuq ix-xogħol</td></tr>
<tr><td rowspan="7">3</td><td>Taħriġ segretarjali u tal-awtomazzjoni tal-uffiċċju</td><td rowspan="7">5 695</td></tr>
<tr><td>Ħidma soċjali</td></tr>
<tr><td>Elettronika</td></tr>
<tr><td>Kura tax-xagħar, sbuħija u benesseri</td></tr>
<tr><td>Manutenzjoni ta' vetturi u tagħmir</td></tr>
<tr><td>Trasport, trattament, ħżin</td></tr>
<tr><td rowspan="4">4</td><td>Agrikoltura</td><td rowspan="4">7 054</td></tr>
<tr><td>Ambjent</td></tr>
<tr><td>Bini u xogħlijiet pubbliċi</td></tr>
<tr><td>Tekniki ta' stampar u pubblikazzjoni</td></tr>
</table>

<table>
<tr><th>Tip ta' operazzjonijiet</th><th>Isem l-indikatur</th><th>Kategorija tal-ispejjeż</th><th>Unità tal-kejl għall-indikatur</th><th colspan="3">Ammonti (f'EUR)</th></tr>
<tr><td rowspan="19">3. Taħriġ għal dawk qiegħda mogħti minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ akkreditati u appoġġati mill-Programmi Operazzjonali li ġejjin:
Rhône-Alpes
(CCI 2014FR16M2OP010)
kif ukoll
Auvergne
(CCI 2014FR16M0OP002)</td><td rowspan="19">Il-parteċipanti b'eżitu ta' suċċess wara kors ta' taħriġ.</td><td rowspan="19">Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni.</td><td rowspan="19">L-għadd ta' parteċipanti b'wieħed mill-eżiti li ġejjin wara kors ta' taħriġ:
— irċevew diploma rikonoxxuta b'mod uffiċjali minn organizzazzjoni ta' rappreżentazzjoni professjonali jew uffiċċju tal-gvern;
— irċevew konferma ta' kompetenzi miksuba fi tmiem il-kors ta' taħriġ tagħhom;
— ikunu sabu impjieg;
— inkitbu għal kors ta' taħriġ professjonali ulterjuri;
— inkitbu mill-ġdid fil-kurrikulu tal-iskola preċedenti tagħhom wara interruzzjoni; jew
— kisbu aċċess għal proċess ta' validazzjoni formali tal-kompetenzi miksuba tagħhom.
Barra minn hekk, għall-Kategorija 5, għadd ta' parteċipanti b'eżitu pożittiv kif deskritt hawn fuq li huma intitolati li jirċievu allokazzjoni mir-Reġjun Auvergne-Rhône-Alpes. (2)
Jekk parteċipant jikseb aktar minn eżitu ta' suċċess wieħed wara l-kors ta' taħriġ tiegħu, dan iwassal biss għar-rimborż ta' ammont wieħed għal dak it-taħriġ.</td><td>Kategorija</td><td>Settur</td><td>Ammont</td></tr>
<tr><td rowspan="4">1</td><td>Trasport, loġistika u turiżmu</td><td rowspan="4">4 403</td></tr>
<tr><td>Ibbankjar, assigurazzjoni</td></tr>
<tr><td>Ġestjoni, amministrazzjoni kummerċjali, ħolqien ta' intrapriżi</td></tr>
<tr><td>Servizzi għall-individwi u l-komunitajiet</td></tr>
<tr><td rowspan="4">2</td><td>Saħħa u ħidma soċjali, attivitajiet rikreattivi, kulturali u sportivi</td><td rowspan="4">5 214</td></tr>
<tr><td>Industriji tar-ristoranti, tal-lukandi u tal-ikel</td></tr>
<tr><td>Kummerċ</td></tr>
<tr><td>Trattament ta' materjali rotob u l-injam; industriji tal-grafika</td></tr>
<tr><td rowspan="5">3</td><td>Bini u xogħlijiet pubbliċi</td><td rowspan="5">7 853</td></tr>
<tr><td>Industriji tal-ipproċessar</td></tr>
<tr><td>Mekkanika, xogħol tal-metall</td></tr>
<tr><td>Agrikoltura, Baħar, Sajd</td></tr>
<tr><td>Komunikazzjoni, informazzjoni, arti u divertiment</td></tr>
<tr><td rowspan="3">4</td><td>Manutenzjoni</td><td rowspan="3">9 605</td></tr>
<tr><td>Elettriku, elettronika</td></tr>
<tr><td>IT u telekomunikazzjoni</td></tr>
<tr><td>5</td><td>Allokazzjonijiet</td><td>1 901</td></tr>
</table>

(1) Żagħżugħ mingħajr impjieg, edukazzjoni jew taħriġ li jipparteċipa f'operazzjoni appoġġata mill-'PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER'

(2) L-intitolament li wieħed jirċievi allokazzjoni huwa rregolat fid-digriet Nru°88-368 tal-15 ta' April 1988 immodifikat bid-Digriet Nru 2002-1551 tat-23 ta' Diċembru 2002

2. **Aġġustament tal-ammonti**

L-ammont tal-ispiża għall-unità 1. huwa bbażat parzjalment fuq skala standard tal-ispejjeż għal kull unità ffinanzjati kompletament minn Franza. Minn EUR 6 400, EUR 1 600 jikkorrispondu għall-iskala standard tal-ispejjeż għal kull unità stabbilita skont l-'instruction ministérielle du 11 octobre 2013 relative à l'expérimentation Garantie Jeunes prise pour l'application du décret 2013-80 du 1er octobre 2013 ainsi que par l'instruction ministérielle du 20 mars 2014' biex tkopri l-ispejjeż imġarrba mill-'Missions Locales' tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażagħ biex jikkowċjaw lil kull żagħżugħ NEET li jibda l-'Garantie Jeunes'.

L-ispiża għall-unità 1. għandha tiġi aġġornata mill-Istat Membru b'konformità mal-aġġustament skont ir-regoli nazzjonali tal-iskala standard tal-ispejjeż għal kull unità ta' EUR 1 600 imsemmija fil-paragrafu 1 hawn fuq, li tkopri l-ispejjeż imġarrba mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażagħ.

L-ammont tal-ispejjeż għall-unitajiet 2. u 3. huma bbażati fuq prezzijiet akkwistati pubblikament għas-sigħat ta' taħriġ fl-oqsma u fiż-żoni ġeografiċi rispettivi. Dawn l-ammonti jiġu aġġustati meta l-proċess ta' akkwist għall-korsijiet ta' taħriġ sottostanti jiġu ripetuti b'konformità mal-formola li ġejja:

Prezz ġdid (minbarra l-VAT) = Prezz antik (minbarra l-VAT) × (0,5 + 0,5 × Sr/So)

Sr huwa l-indiċi tal-persuni impjegati INSEE (identifikatur 1567446) tal-aktar pubblikazzjoni reċenti ta' kull xahar fid-data tal-aġġustament

So huwa l-indiċi tal-persuni impjegati INSEE (identifikatur 1567446) tal-pubblikazzjoni ta' kull xahar fid-data ta' sottomissjoni tal-offerta għall-ewwel aġġustament; imbagħad, għall-aġġustamenti segwenti, tirreferi għall-pubblikazzjoni ta' kull xahar tad-data tal-anniversarju tas-sottomissjoni tal-offerta"

ANNESS II

"ANNESS III

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità lir-Repubblika Ċeka

1. **Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ([1])	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
1. L-istabbiliment ta' faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Post maħluq reċentement f'faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal	— xiri ta' tagħmir għal faċilità għall-indukrar tat-tfal; — il-ġestjoni ta' fażi tal-proġett iffukata fuq il-ħolqien tal-faċilità.	Għadd ta' postijiet maħluqa reċentement f'faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal ([2])	20 053 bil-VAT, jew 16 992 mingħajr VAT
2. Trasformazzjoni ta' faċilità eżistenti għal grupp tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Post trasformat fi grupp tat-tfal ([3])	— xiri ta' tagħmir għal faċilità trasformata; — xiri ta' materjal pedagoġiku; — ġestjoni ta' fażi tal-proġett iffukata fuq it-trasformazzjoni tal-faċilità	Għadd ta' postijiet trasformati fi grupp tat-tfal ([4])	9 518 bil-VAT, jew 8 279 mingħajr VAT
3. It-tħaddim ta' faċilità għall-indukrar tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Okkupanza għal kull post f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	— is-salarji tal-għalliema u tal-persunal l-ieħor, — it-tħaddim tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal, — il-ġestjoni tal-operazzjoni	Rata ta' okkupanza ([5])	628 ([6])
4. It-titjib tal-ħiliet tal-indukraturi tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Il-ksib ta' kwalifika bħala indukratur tat-tfal f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	— it-taħriġ u l-eżami għal kwalifika professjonali	L-għadd ta' persuni li jiksbu ċertifikazzjoni ta' kwalifika professjonali bħala indukratur f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	14 178

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż ([1])	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
5. Il-kiri tal-bini għal faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Okkupanza għal kull post f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	— Il-kera tal-bini għal faċilità għall-indukrar tat-tfal	Rata ta' okkupanza ([7]).	56 ([8])
6. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi, (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) ġenerali	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat.	324
7. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern dwar il-ħiliet personali u l-ħiliet maniġerjali	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat.	593
8. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Perjodu (45 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'korsijiet ta' taħriġ estern tal-lingwi	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' perjodi mwettqa għal kull impjegat	173
9. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ tal-IT speċjalizzat	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	609

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż (1)	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
10. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern fil-kontabbiltà, fl-ekonomija u fil-liġi	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	436
11. Aktar taħriġ professjonali estern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern tekniku u taħriġ professjonali ieħor	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	252
12. Aktar taħriġ (9) professjonali intern ta' impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ mogħti minn istruttur intern f'xi qasam minn dawn: — it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) ġenerali — il-ħiliet personali u l-ħiliet maniġerjali — il-lingwi — it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) speċjalizzati — il-kontabbiltà, l-ekonomija u l-liġi — taħriġ tekniku u taħriġ ieħor professjonali.	Kull spiża eliġibbli, inkluż: — Spejjeż diretti tal-persunal; — Spejjeż indiretti; — Pagi tal-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	144
13. Appoġġ mogħti minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 ekwivalenti għall-full-time (FTE) maħdum bħala psikologu tal-iskola u/jew pedagogu tal-iskola speċjalizzat kull xahar	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	5 871

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż [1]	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
14. Appoġġ mogħti minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħdum minn assistent fi skola u/jew pedagogu soċjali kull xahar.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	Assistent ta' skola: 3 617 Pedagogu soċjali: 4 849
15. Appoġġ mogħti minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħdum minn nanny kull xahar	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	3 402
16. Il-provvediment ta' attivitajiet ekstrakurrikulari għat-tfal/studenti f'riskju ta' falliment skolastiku taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Il-forniment ta' sett ta' 16-il lezzjoni tal-attivitajiet ekstrakurrikulari b'durata ta' 90 minuta għal kull lezzjoni mogħtija lil grupp ta' mill-inqas sitt itfal/studenti tal-iskola li tnejn minnhom ikunu f'riskju ta' falliment skolastiku.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 16-il lezzjoni b'durata ta' 90 minuta għal kull lezzjoni mogħtija lil grupp ta' mill-inqas sitt tfal/studenti tal-iskola li tnejn minnhom ikunu f'riskju ta' falliment skolastiku.	17 833
17. Appoġġ lil studenti f'riskju ta' falliment skolastiku permezz ta' tutoraġġ taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Il-forniment ta' sett ta' 16-il siegħa ta' tutoraġġ lil grupp ta' mill-inqas tliet studenti rreġistrati bir-riskju ta' falliment skolastiku.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 16-il siegħa mogħtija lil grupp ta' mill-inqas tliet studenti f'riskju ta' falliment skolastiku.	8 917

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż [1]	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
18. L-iżvilupp professjonali ta' pedagogi b'korsijiet ta' taħriġ strutturat taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Sigħat ta' taħriġ professjonali mogħtija lill-pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inkluż l-ispejjeż diretti tal-għoti ta' taħriġ.	L-għadd ta' sigħat imwettqa ta' taħriġ għal kull pedagogu	1) **435** għal taħriġ fil-ħin regolari tal-lezzjonijiet 2) **170** għal taħriġ barra mill-ħin regolari tal-lezzjonijiet
19. Għoti ta' informazzjoni lill-ġenituri permezz ta' laqgħat taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Laqgħa tematika b'minimu ta' tmien ġenituri għal durata minima ta' sagħtejn (120 minuta).	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' laqgħat tematiċi b'minimu ta' tmien ġenituri għal durata minima ta' sagħtejn (120 minuta)	3 872
20. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Sett ta' 30 siegħa ta' mentoraġġ/ikkowċjar estern għal grupp ta' bejn tlieta u tmien pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 30 siegħa ta' mentoraġġ/ikkowċjar lil grupp ta' bejn tlieta u tmien pedagogi.	31 191
21. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' taħriġ ta' 15-il siegħa ta' monitoraġġ tal-impjiegi strutturat minn pedagogu	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli ta' taħriġ ta' 15-il siegħa mwettqa għal kull pedagogu li jagħmel żjara strutturata lil pedagogu ieħor fi skola oħra.	4 505
22. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 10 sigħat ta' taħriġ b'kooperazzjoni reċiproka li tinvolvi grupp ta' mill-inqas tliet pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 10 sigħat li jinvolvi grupp ta' mill-inqas tliet pedagogi.	8 456

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż (1)	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
23. Żvilupp professjonali tal-għalliema ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Lezzjonijiet tandem (10) ta' 2,75 sigħat.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal:	L-għadd ta' lezzjonijiet tandem imwettqa	815
24. Żvilupp professjonali tal-pedagogi ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 19-il siegħa ta' kooperazzjoni u tagħlim reċiproċi li jinvolvu espert u żewġ pedagogi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli ta' 19-il siegħa mwettqa li jinvolvu espert u żewġ pedagogi oħra.	5 637
25. Servizzi ta' konsulenza dwar il-karrieri fl-iskejjel u kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħdum kull xahar minn konsulent dwar il-karriera u/jew koordinatur ta' kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal	L-għadd ta' 0,1 FTE maħdum kull xahar	4 942
26. Żvilupp professjonali tal-pedagogi ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' taħriġ ta' 8,5 sigħat li jinvolvi monitoraġġ tal-impjiegi strutturat minn pedagogu u minn mentor.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 8,5 sigħat għal kull żjara strutturata f'istituzzjoni/kumpanija/faċilità.	2 395
27. L-iżvilupp tal-kompetenza professjonali tal-pedagogi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001).	Ċiklu ta' 3,75 sigħat jew erba' ċikli ta' 3,75 sigħat ta' taħriġ bl-involviment ta' pedagogu u espert/tekniku tal-ICT.	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż diretti tal-persunal	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 3,75 sigħat li jinvolvu pedagoġu u espert/tekniku tal-ICT.	Ċiklu Wieħed: 1 103 Erba' Ċikli: 4 412

<table>
<tr><th>Tip ta' operazzjonijiet</th><th>Isem l-indikatur</th><th>Kategorija tal-ispejjeż (1)</th><th>Unità tal-kejl għall-indikatur</th><th>Ammonti
(fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)</th></tr>
<tr><td>28. Mobbiltà tar-riċerkaturi taħt l-Assi Prijoritarju 2 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001).</td><td>Xhur fil-mobbiltà ta' kull riċerkatur.</td><td>Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni.</td><td>Għadd ta' xhur fil-mobbiltà ta' kull riċerkatur.</td><td>
<table>
<tr><th>Komponenti</th><th colspan="2">Ammont (11) (ℓEUR)</th></tr>
<tr><td rowspan="2">Sussistenza tal-Għajxien (għal mobbiltà lejn is-CZ)</td><td>Subaltern</td><td>2 674</td></tr>
<tr><td>Anzjan</td><td>3 990</td></tr>
<tr><td colspan="3">L-ammonti tas-Sussistenza tal-Għajxien għall-mobbiltà 'l barra mis-CZ għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-ammonti għall-mobbiltà lejn il-pajjiż bil-koeffiċjent ta' korrezzjoni rilevanti elenkat fil-punt 3 hawn taħt, skont il-pajjiż tad-destinazzjoni.</td></tr>
<tr><td>Allokazzjoni tal-mobbiltà</td><td colspan="2">600</td></tr>
<tr><td>Benefiċċju tal-familja</td><td colspan="2">500</td></tr>
<tr><td>Spejjeż ta' riċerka, taħriġ u netwerking</td><td colspan="2">800</td></tr>
<tr><td>Spejjeż ta' ġestjoni u spejjeż indiretti</td><td colspan="2">650</td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>29. L-appoġġ ta' studenti b'lingwa materna differenti, għalliema u ġenituri permezz tal-assistenza ta' Ħaddiem Interkulturali jew Assistent Bilingwi taħt l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001).</td><td>1. 0,1 FTE maħdum kull xahar minn Ħaddiem Interkulturali (12) jew Assistent Bilingwi.
2. Siegħa (60 minuta) maħduma minn Ħaddiem Interkulturali (13).</td><td>Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni.</td><td>1. Għadd ta' 0,1 FTE maħdum minn Ħaddiem Interkulturali jew Assistent Bilingwi kull xahar.
2. Għadd ta' siegħat maħduma minn Ħaddiem Interkulturali.</td><td>1) Ħaddiem Interkulturali: 5 373
Assistent Bilingwi: 4 464
2) Ħaddiem Interkulturali: 308</td></tr>
</table>

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż (1)	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
30. Il-proġetti ta' mobbiltà transnazzjonali għat-taħriġ tal-persunal edukattiv taħt l-Assi Prijoritarju 4 "Edukazzjoni u tagħlim u appoġġ tal-Impjieg" tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001).	Apprendistat ta' erbat ijiem għall-persunal edukattiv fi skola fi Stat Ewropew ieħor li tikkonsisti minn tal-inqas 24 siegħa ta' attivitajiet edukattivi.	Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni, li huma: 1) Salarji għall-parteċipanti; 2) Spejjeż assoċjati mal-organizzazzjoni tal-apprendistat fl-iskola ospitanti u li tibgħat. 3) Spejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza;	Għadd ta' apprendistati ta' erbat ijiem li pparteċipa fihom il-persunal edukattiv fi skola fi Stat Ewropew ieħor.	1) 5 087 2) EUR 350 3) Ma' dawn l-ammonti għal kull apprendistat ta' erbat ijiem jista' jiżdied ammont għal kull parteċipant biex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza kif ġej: **Spejjeż tal-ivvjaġġar** skont id-distanza kif ġej (14): **Ammont** 10 – 99 km: EUR 20 100 – 499 km: EUR 180 500 – 1 999 km: EUR 275 2 000 – 2 999 km: EUR 360 3 000 – 3 999 km: EUR 530 4 000 – 7 999 km: EUR 820 8 000 km u aktar: EUR 1 300 **Spejjeż ta' sussistenza**, skont il-pajjiż kif ġej: **Ammont** id-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja, l-Iżvezja, Ir-Renju Unit: EUR 448 il-Belġju, il-Bulgarija, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, Il-Finlandja,: EUR 392 il-Ġermanja, Spanja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, is-Slovakkja,: EUR 336 l-Estonja, il-Kroazja, il-Litwanja, is-Slovenja.: EUR 280

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż (1)	Unità tal-kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munita nazzjonali CZK sakemm mhux imsemmi mod ieħor)
31. L-iżvilupp tal-ħiliet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tal-istudenti u l-persunal fil-faċilitajiet edukattivi/tal-iskola skont l-assi prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Lezzjoni ta' 45 minuta bl-użu ta' għodod tal-ICT, b'minimu ta' 10 studenti li mill-inqas tlieta minnhom ikunu f'riskju ta' falliment skolastiku.	Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni, inklużi l-ispejjeż diretti tal-ICT u l-ispejjeż diretti tal-persunal	Għadd ta' lezzjonijiet ta' 45 minuta b'minimu ta' 10 studenti li mill-inqas tlieta minnhom ikunu f'riskju ta' falliment skolastiku.	2 000
32. Żvilupp professjonali tal-għalliema taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Proġett ta' ġurnata li jikkonsisti f'tagħlim kooperattiv mill-għalliema	Kull spiża eliġibbli, inklużi l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-ispejjeż diretti tal-persunal	Għadd ta' jiem tal-proġett ta' tagħlim kooperattiv, li jissodisfa dawn il-ħtiġijiet: — li tikkonsisti f'erba' lezzjonijiet ta' 45 minuta kull wieħed ta' tagħlim barra mill-ambjent tal-iskola normali — lil grupp ta' mill-inqas għaxar studenti, li mill-inqas tlieta minnhom ikunu f'riskju ta' falliment skolastiku-huma — kkumplimentati b'mill-inqas 60 minuta ta' preparazzjoni u riflessjoni flimkien	6 477

(1) Għall-ispejjeż għal kull unità minn 1 sa 5, il-kategoriji tal-ispejjeż imsemmija jkopru kull spiża assoċjata ma' dik l-operazzjoni, ħlief għat-tipi ta' operazzjonijiet 1 u 2, li jistgħu jinkludu wkoll kategoriji ta' spejjeż oħra.

(2) Jiġifieri post ġdid li jkun parti mill-kapaċità tal-faċilità l-ġdida għall-indukrar tat-tfal kif irreġistrata mir-regolamenti nazzjonali, u li jkollu prova ta' tagħmir għal kull post ġdid ieħor ipprovdut.

(3) Grupp tat-tfal ifisser li dan ikun ġie rreġistrat bħala grupp tat-tfal skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-għoti tas-servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp tat-tfal.

(4) Jiġifieri post f'faċilità eżistenti li tkun għadha kif ġiet irreġistrata bħala grupp tat-tfal skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u li tkun parti mill-kapaċità uffiċjali ta' dak il-grupp, u li għandha prova ta' tagħmir għal kull post.

(5) Ir-rata ta' okkupanza hi definita bħala l-għadd ta' tfal li jattendu l-faċilità għall-indukrar tat-tfal kull nofstanhar f'sitt xhur diviżi bil-kapaċità massima tal-faċilità għal kull nofstanhar f'sitt xhur, immultiplikati b'100.

(6) Dan l-ammont se jitħallas għal kull punt ta' okkupanza ta' 1 % għal kull post sa massimu ta' 75 % punti għal perjodu ta' sitt xhur. Jekk ir-rata ta' okkupanza tkun inqas minn 20 %, ma jsir l-ebda rimborż.

(7) Ir-rata ta' okkupanza hi definita bħala l-għadd ta' tfal li jattendu l-faċilità għall-indukrar tat-tfal kull nofstanhar f'sitt xhur diviżi bil-kapaċità massima tal-faċilità għal kull nofstanhar f'sitt xhur, immultiplikati b'100.

(8) Dan l-ammont se jithallas għal kull punt ta' okkupanza ta' 1 % għal kull post sa massimu ta' 75 % punti għal perjodu ta' sitt xhur. Jekk ir-rata ta' okkupanza tkun inqas minn 20 %, ma jsir l-ebda rimborż.

(9) Taħriġ intern huwa taħriġ moħti minn istruttur intern.

(10) Lezzjoni tandem għandha tinftiehem bħala żewġ pedagogi li jikkoperaw biex isaħħu b'mod reċiproku l-iżvilupp professjonali taghhom billi jippjanaw, jimplimentaw u jirriflettu b'mod konġunt fuq il-metodi tat-taghlim fil-klassi.

(11) L-ammont totali għal kull parteċipant jiddependi mill-karatteristiċi ta' kull inċidenza ta' mobbiltà u l-applikabbiltà ta' kull komponent stabbilit.

(12) Dan l-indikatur se jintuża għall-Ħaddiema Interkulturali jew għall-assistenti bilingwi impjegati direttament fuq bażi full-time jew part-time mill-iskola.

(13) Dan l-indikatur se jintuża għall-Ħaddiema Interkulturali esterni mqabbda mill-iskola biex jagħtu servizzi fuq bażi ta' kull siegħa.

(14) Abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar għal kull parteċipant. Id-distanzi tal-ivjaġġar għandhom jiġu kkalkulati billi jintuża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea -http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/distance-calculator_mt

2. **Aġġustamenti tal-ammonti.**

Ir-rata tal-ispejjeż għall-unitajiet kollha minn 6-11 tista' tiġi aġġustata billi tinbidel ir-rata inizjali tal-paga minima fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fil-paga minima, l-ispiża għall-għoti tat-taħriġ u l-ispejjeż indiretti.

Ir-rata tal-spiża għall-unità 12 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-ispejjeż diretti inizjali tal-persunal, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, u/jew il-pagi għall-parteċipanti, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fi spejjeż diretti tal-persunal, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u/jew il-pagi għall-parteċipanti, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa.

Ir-rata tal-ispejjeż għall-unitajiet kollha minn 13-17, minn 19-27 u 29 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-ispejjeż diretti inizjali tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fl-ispejjeż diretti tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, kif ukoll l-ispejjeż indiretti.

Ir-rata tal-ispiża għall-unità 18 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu s-salarji għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa fil-metodu tal-kalkolu li jikkonsisti fl-ispiża għall-għoti tat-taħriġ flimkien mal-pagi għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, kif ukoll l-ispejjeż indiretti.

Ir-rati tal-ispiża għall-unità 28 jistgħu jiġu aġġustati billi jinbidlu l-ammonti għas-Sussistenza tal-Għajxien, l-Allokazzjoni tal-Mobbiltà, il-Benefiċċju tal-Familja, l-Ispejjeż tar-Riċerka, tat-Taħriġ u tan-Netwerking u l-Ispejjeż tal-Ġestjoni u dawk Indiretti.

Ir-rata tal-ispiża għall-unità 30 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-ispejjeż diretti inizjali tal-persunal, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, l-ispejjeż assoċjati mal-organizzazzjoni tal-apprendistat fl-iskola ospitanti u li tibgħat, u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti minn spejjeż diretti tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, l-ispejjeż assoċjati mal-organizzazzjoni tal-apprendistat fl-iskola ospitanti u li tibgħat, u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza.

Ir-rata tal-ispiża għall-unità 32 tista' tiġi aġġustata billi jinbidel l-ammont għall-ivvjaġġar fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fi spejjeż diretti għall-ivjaġġar, kif ukoll fi spejjeż diretti tal-persunal u spejjeż indiretti.

L-aġġustamenti se jkunu bbażati fuq *data* aġġornata kif ġej:

— għall-paga minima, l-emendi fil-paga minima kif stabbilita bid-Digriet tal-Gvern Nru 567/2006 Coll;

— fejn jidħlu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-emendi fil-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi għas-sigurtà soċjali, definiti fl-Att Nru 589/1992 Coll. dwar is-sigurtà soċjali; kif ukoll

— fejn jidħlu l-kontribuzzjonijiet tas-saħħa, l-emendi fil-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi għall-assigurazzjoni medika, definiti fl-Att Nru 592/1992 Coll., dwar primjums għall-assigurazzjoni medika.

— Fejn jidħlu s-salarji medji li jiddeterminaw il-pagi/l-ispejjeż tal-persunal, bidliet fl-aktar data annwali reċenti ppubblikata għall-kategoriji rilevanti mill-qligħ medju tas-sistema informattiva (www.ISPV.cz).

— Għas-Sussistenza tal-Għajxien, l-Allokazzjoni għall-Mobbiltà, il-Benefiċċju tal-Familja, l-Ispejjeż tar-Riċerka, it-Taħriġ u n-Netwerking, l-Ispejjeż tal-Ġestjoni u dawk Indiretti, emendi fir-rati tal-Azzjonijiet Marie Curie – ORIZZONT 2020 kif ippubblikati fuq https://ec.europa.eu/research/mariecurieactions/

— Għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tas-sussistenza u dawk marbutin mal-organizzazzjoni taħt l-ispiża għall-unità 30, l-emendi għall-ammonti għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u dawk marbutin mal-organizzazzjoni kif ukoll l-appoġġ individwali stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea għall-Azzjoni Prinċipali 1 (proġetti ta' mobbiltà) taħt il-programm Erasmus+ (http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/).

— Għall-ivjaġġar taħt l-ispiża tal-unità 32, emendi fl-ammonti għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar bejn 10 u 99 kilometru kif stabbilit fil-'kalkulatur tad-distanza' tal-programm Erasmus+ (http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/distance-calculator_mt).

3. **Tabella ta' Koeffiċjenti relatati mal-mobbiltà 'l barra tar-riċerkaturi**

Pajjiż	Koeffiċjent ta' korrezzjoni
L-Albanija	0,908
L-Arġentina	0,698
L-Awstralja	1,253
Il-Belġju	1,193
Bożnija-Ħerzegovina	0,878
Il-Brażil	1,098
Il-Bulgarija	0,853
Il-Montenegro	0,798
Ir-Repubblika Ċeka	1,000
Iċ-Ċina	1,014
Id-Danimarka	1,615
L-Estonja	0,934
Il-Gżejjer Faroe	1,600
Il-Finlandja	1,391
Franza	1,325
Il-Kroazja	1,163

Pajjiż	Koeffiċjent ta' korrezzjoni
Il-Latvja	0,906
Il-Lussemburgu	1,193
L-Ungerija	0,909
L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	0,816
Malta	1,069
Il-Messiku	0,840
Ir-Repubblika tal-Moldova	0,729
Il-Ġermanja	1,179
In-Netherlands	1,245
In-Norveġja	1,574
Il-Polonja	0,912
Il-Portugall	1,063
L-Awstrija	1,251
Is-Serbja	0,801
Ir-Rumanija	0,815
Ir-Russja	1,378

Pajjiż	Koeffiċjent ta' korrezzjoni
L-Indja	0,630
L-Indoneżja	0,899
L-Irlanda	1,354
L-Italja	1,273
Iżrael	1,297
Il-Ġappun	1,383
Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel	0,666
Il-Korea t'Isfel	1,255
Il-Kanada	1,031
Ċipru	1,095
Il-Litwanja	0,872
Il-Greċja	1,106
Is-Slovakkja	0,986
Is-Slovenja	1,027
Spanja	1,165
L-Iżvezja	1,333
L-Iżvizzera	1,350
It-Turkija	1,033
L-Ukrajna	1,101
L-Istati Uniti tal-Amerka	1,186
Ir-Renju Unit	1,436
Il-Vjetnam	0,610"

ANNESS III

"ANNESS VII

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' skali standard tal-ispejjeż għal kull unità lis-Slovakkja

1. **Definizzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
1. Żvilupp professjonali ta' impjegati fil-ħiliet ta' lingwi barranin taħt l-Assi Prijoritarji 2, 3 u 4 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Perjodu ta' 45 minuta ta' taħriġ f'lingwa barranija għal kull impjegat	Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni, inkluż l-ispejjeż diretti tal-għoti tat-taħriġ.	Għadd ta' perjodi ta' 45 minuta ta' taħriġ f'lingwa barranija mwettqa għal kull impjegat.	8,53
2. Iċ-ċertifikazzjoni tal-European Kompjuter Driving Licence (ċertifikazzjoni tal-ECDL taħt l-Assi Prijoritarji 1, 2 u 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Ċertifikazzjoni tal-ECDL	Kull spiża eliġibbli tal-operazzjoni, inkluż l-ispiża diretta tas-seduta tal-eżami u tal-ħruġ taċ-ċertifikat	L-għadd ta' ċertifikati tal-ECDL mogħtija, differenzjati skont il-profil u modulu [1]	

Isem iċ-ċertifikat	Prezz
Profil tal-ECDL – eżami Bażi/Standard 1	31,50
Profil tal-ECDL - 2 Eżamijiet bażi/standard	59,00
Profil tal-ECDL - 3 Eżamijiet bażi/standard	76,50
Profil tal-ECDL - 4 Eżamijiet bażi/standard	92,00
Profil tal-ECDL - 5 Eżamijiet bażi/standard	111,50
Profil tal-ECDL - 6 Eżamijiet bażi/standard	127,00
Profil tal-ECDL - 7 Eżamijiet bażi/standard	142,50
Profil tal-ECDL - 8 Eżamijiet bażi/standard	163,00
Profil tal-ECDL - Eżami avvanzat 1	39,10
Profil tal-ECDL - 2 Eżamijiet avvanzati	74,30
Profil tal-ECDL - 3 Eżamijiet avvanzati	99,40
Profil tal-ECDL - 4 Eżamijiet avvanzati	122,50

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
3. L-inklużjoni fl-iskejjel elementari taħt l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Okkupazzjoni ta' postijiet maħluqa ġodda f'timijiet inklużivi	Spejjeż diretti tal-pagi Spejjeż indiretti	L-għadd ta' xhur li matulhom kariga f'tim inklużiv maħluqa reċentement tkun okkupata.	Psikologu tal-iskola – 1 235 kull xahar Pedagogu speċjali/pedagogu soċjali – 1 440 kull xahar
4. L-inklużjoni fil-kindergartens u fl-iskejjel elementari taħt l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Okkupazzjoni ta' postijiet maħluqa ġodda għal assistenti pedagoġiċi	Spejjeż diretti tal-pagi Spejjeż indiretti	L-għadd ta' xhur li matulhom kariga maħluqa reċentement ta' assistent pedagoġiku tkun okkupata	1 005 kull xahar
5. L-integrazzjoni tal-istudenti fil-kindergartens u fl-iskejjel taħt l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Okkupazzjoni ta' post maħluq ġdid għal assistent tal-għalliem	Spejjeż diretti tal-pagi Spejjeż indiretti	L-għadd ta' xhur li matulhom kariga maħluqa reċentement ta' assistent tal-għalliem tkun okkupata	966 kull xahar
6. Taħriġ ta' għalliema u persunal speċjalizzat taħt l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Siegħa ta' parteċipazzjoni f'taħriġ għall-għalliema u l-persunal speċjalizzat	Spejjeż diretti tal-pagi tal-istruttur u l-pagi tal-parteċipant. Spejjez Indiretti	Għadd ta' sigħat imwettqa minn kull parteċipant f'taħriġ għall-għalliema u l-persunal speċjalizzat	Grupp ta' 20 parteċipant: 10,10 għal kull siegħa mwettqa minn kull parteċipant Grupp ta' 12 parteċipant: 10,65 għal kull siegħa mwettqa minn kull parteċipant.
7. Taħriġ ta' għalliema prospettivi fl-edukazzjoni ogħla skont l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Siegħa ta' analiżi minn għalliem li jħarreġ tal-unità tal-attività pedagoġika diretta tal-istudent (klassi tal-iskola) jew tal-attività edukattiva diretta (faċilità skolastika).	Spejjeż diretti tal-pagi. Spejjeż indiretti.	Għadd ta' sigħat ta' analiżi diretta minn għalliem li jħarreġ tal-unità tal-attività pedagoġika diretta tal-istudent (klassi tal-iskola) jew tal-attività edukattiva diretta (faċilità skolastika).	9,66 fis-siegħa
8. Il-klabbs ta' tagħlim [2] taħt l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	Siegħa ta' parteċipazzjoni mill-għalliema [3] fi klabb tat-tagħlim	Spejjeż diretti tal-pagi. Spejjeż indiretti.	Għadd ta' sigħat ta' parteċipazzjoni mill-għalliema fi klabb tat-tagħlim	10,60

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-ispejjeż	Unità tal-kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
9. It-tagħlim ta' klassijiet tal-iskola addizzjonali (4) taħt l-Assi Prijoritarju dwar l-Edukazzjoni tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani (2014SK05M0OP001)	1. Sieġa ta' tagħlim ta' klassi tal-iskola addizzjonali minn għalliem tal-iskola primarja 2. Sieġa ta' tagħlim ta' klassi tal-iskola addizzjonali minn għalliem tal-iskola sekondarja	Spejjeż tal-pagi diretti u spejjeż indiretti.	1. Għadd ta' sigħat ta' tagħlim ta' klassijiet tal-iskola addizzjonali minn għalliem tal-iskola primarja 2. Għadd ta' sigħat ta' tagħlim ta' klassijiet tal-iskola addizzjonali minn għalliem tal-iskola sekondarja	1. Tagħlim minn għalliem tal-iskola primarja: 11,70 2. Tagħlim minn għalliem tal-iskola sekondarja: 12,30

(1) Hemm żewġ moduli possibbli — 1) Bażiku/Standard u 2) Avvanzat.

(2) Klabb tat-tagħlim għandu jikkonsisti f'minimu ta' tliet membri u f'massimu ta' 10 u kull lagħqa tal-klabb għandha ddum sa massimu ta' tliet sigħat. Kemm il-klabbs tat-tagħlim li jkollhom produzzjoni bil-miktub u dawk li ma jkollhomx jistgħu jiddikjaraw massimu ta' 30 sieġa kull semestru għall-parteċipazzjoni ta' kull membru fil-klabb. Il-klabbs tat-tagħlim bi produzzjoni bil-miktub jistgħu jiddikjaraw massimu ta' 50 sieġa ta' produzzjoni għall-produzzjoni bil-miktub tagħhom.

(3) Il-parteċipazzjoni fil-klabbs tat-tagħlim hija strettament limitata għal dawn il-kategoriji ta' persunal tat-tagħlim, kif definit fl-§3 u l-§12 tal-Att Nru 317/2009: għalliema, assistent tal-għalliem, edukaturi u għalliema/istrutturi ta' edukazzjoni prattika.

